MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 292/2014

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti illi gie ikkonfermat minnhom bil-gurament, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) (Ara c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok. A');
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla cioe' X li twieldet fis-sena elf disgha mija sebgha u tmenin (1987) u ghaldaqstant llum il-gurnata hija maggorenni;
3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard sa mill-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elf disa'

mija w erbgha w disghin (1994) (ara l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok B');

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi r-Ragel obbliga ruhu li jivversa s-somma ta' hames liri Maltin (LM 5) fil-gimgha ekwivalenti ghal hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) lil Mara skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali ai termini tal-Artikolu ittra 'B' tal-imsemmi att ta' separazzjoni (ara pagna 2 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness). Illi l-partijiet jiddikjaraw illi dan il-manteniment kif imsemmi qed jithallas puntwalment u ghalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment pendenti;
6. Illi r-Ragel ulterjorment obbliga ruhu li jivversa manteniment lit-tifla fuq imsemmija fl-ammont ta' ghoxrin lira Maltin (LM20) fil-gimgha ekwivalenti ghal sitta u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€46.59) li jizdiedu b'nofs iz-zieda li jaghti il-Gvern minn zmien ghal zmien ghall-gholi tal-hajja u b'effett minn meta tiehu effett l-istess zieda tal-Gvern (ara pagna 2 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness). Illi l-partijiet jiddikjaraw illi dan il-manteniment mhux aktar dovut stante li t-tifla hija maggorenni;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talbu, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, li din il-Qorti joghgobha, previa kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni :

1. Tiddikjara u topponunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tiddikjara li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Lulju 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-4 ta’ Marzu 1994 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------